# Storja tinkiteb! (2)

*Aurele Gafà*

L-okkorrenzi tal-pulizija miġbura fl-Arkivji Nazzjonali, jirriflettu l-ħajja ta' kuljum f'Ħal Tarxien ta' aktar minn mitt sena ilu. In-nuqqas ta' importanza ta' xi wħud mir-rapporti u r-ripetizzjoni tagħhom iwassluna biex nifhmu xi bżonnijiet kellhom l-antenati tagħna, minn xiex kienu jbatu, kif kienet l-imġiba tagħhom u kif kien il-karattru ta' xi wħud li isimhom inkiteb kemm-il darba. Dan kollu ma nsibuhx fil-kotba tal-istorja, għaldaqstant permezz ta' dawn l-okkorrenzi nistgħu naraw stampa iżjed kompleta ta' dak li għaddew minnu ta' qabilna, l-aktar meta xi wħud minnhom jikxfu dettalji ġodda dwar nies jew episodji importanti fl-istorja ta' raħalna.

Fl-artiklu, bl-istess isem, li deher fil-ktejjeb tas-sena l-oħra stħarriġt l-okkorrenzi li seħħew f'raħalna bejn l-1864 u l-1877. Kif kont spjegajt ir-reġistri bl-okkorrenzi li seħħew bejn is-16 ta' Diċembru tal-1877 u l-24 ta' Diċembru tal-1882 għadhom ma nstabux. Għaldaqstant, din is-sena ffukajt ir-riċerka tiegħi fuq l-okkorrenzi li seħħew bejn l-1883 u l-1900.



Il-Kappillan
Dr Dun Franġisk Felic Attard

## In-nar u l-bombi

Dak iż-żmien il-parroċċa ta' Ħal Tarxien kienet immexxija mill-Kappillan Dr Dun Franġisk Feliċ Attard. Dan il-kappillan dam fit-tmun għal xejn inqas minn 45 sena bejn l-1876 u l-1921.[1] Huwa jibqa' magħruf għall-proġetti kbar li wettaq fil-Knisja parrokkjali. Però ħafna għadhom isemmu wkoll il-karattru dixxiplinat tiegħu li mhux dejjem niżel għasel mal-parruċċani. Dan jixhdu każ li jeħodna lura għas-16 ta' Novembru 1884.[2] Dakinhar, għall-ħabta tas-6.45pm, it-Tarxiniżi nħasdu bi splużjoni li seħħet fi Triq San Bert. Din l-isplużjoni kienet ikkawżata minn murtal li xi persuni mhux magħrufa poġġew mal-ħajt tal-ġnien tad-dar tal-Kappillan u għamlulu ħafna ħsara. Minkejja li l-Kappillan ħelisha ħafif, il-każ ittieħed b'serjetà kbira, tant li ġie rrapurtat fil-gazzetti li ħarġu dik il-ġimgħa.[3] Fil-gazzetta The Malta Times tat-22 ta' Novembru nsibu ċar u tond li dan kien attentat biex jisplodu d-dar tal-Kappillan hekk kif il-murtal kien tpoġġa f'toqba li ġiet imħaffra fil-ħajt. Ovvjament, qam agħa kbir għax bilfors li kien hemm min kellu inkwiet serju mal-Kappillan biex wasal jagħmillu din l-azzjoni. Madankollu, kemm ir-rapport fil-ktieb tal-okkorrenzi kif ukoll ir-rapporti fil-gazzetti jħalluna b'xiber imnieħer dwar min għamel din l-azzjoni u x'kienet ir-raġuni. Fil-fatt fihom insibu li ħadd ma ġie arrestat dwar il-każ. Barra minn hekk, l-inkjesta hi mitlufa b'hekk ma nistgħux insiru nafu x'instab waqt l-investigazzjoni. Ma setax jonqos li wara kellhom isiru t-tiswijiet meħtieġa fuq il-ħajt u xi ħadd kellu jħallas għalihom. Dak iż-żmien, l-ispejjeż relatati mad-dar tal-Kappillan kienu jitħallsu



Il-ħajt tal-ġnien li fih tpoġġa l-murtal

mill-Fondazzjoni Mangion.[4] Fil-fatt fil-kotba finanzjarji ta' din il-Fondazzjoni nsibu li sena wara li seħħ il-każ, għamlet xi xogħlijiet fid-dar iżda dawn ma kinux jinkludu t-tiswija tal-ħajt tal-ġnien.[5] Però, interessanti hija s-suppilka li Kappillan Attard għamel fl-1891 biex fid-dar parrokkjali jsiru t-tiswijiet meħtieġa malajr. Jista' jkun li dawn it-tiswijiet kienu jinkludu l-ħajt tal-ġnien li kien għadu mwaqqa'? Jew m'għandhomx x'jaqsmu għax inqabad min kien ħati u kellu jħallas għall-ħsara li għamel? Sfortunatament, dawn il-mistoqsijiet jibqgħu mhux imwieġba.

Il-fatt li bomba li saret lill-kappillan proprju kienet murtal, jurina li dak iż-żmien f'Ħal Tarxien kien

*ikompli f'paġna 62*

hawn min kien midħla sew tal-manifattura tal-logħob tan-nar. Dan nafuh ukoll min-numru mdaqqas ta' rapporti oħra relatati max-xogħol tal-piroteknika.[6] L-aktar wieħed li



Id-dar tal-Kappillan biswit il-Kappella ta' San Bert

kellu nkwiet mal-pulizija minħabba dan ix-xogħol kien Mikiel Farrugia ta' Blata li spiss inqabad jaħdem jew jaħraq in-nar fit-triq mingħajr il-liċenzja tal-pulizija.[7] Jidher li din tal-ħruq tan-nar fit-triq kien hemm min beda joħodha drawwa. Hekk inisbu li fid-29 ta' Marzu tal-1887,[8] waqt li l-Kappillan Attard kien miexi fi Triq il-Kbira flimkien mal-Kan Dingli, ra persuni mhux magħrufa jitfgħu murtal viċin il-bieb tal-kappella ta' San Bert. Wieħed jista' biss jobsor il-qatgħa li ħa l-kappillan meta ra dan jiġri quddiemu wara li tliet snin qabel kienu poġġewlu murtal fil-ħajt tal-ġnien. Każ simili seħħ fl-14 ta' Ġunju tal-1891 meta għall-ħabta tal-4.15am, xi ħadd spara murtal[9] viċin id-dar tal-kappillan iżda ma ġiet ikkaġunata ebda ħsara.[10] Dawn l-aħħar żewġ rapporti faċilment iqajmu ħafna suspetti dwar x'setgħet kienet l-intenzjoni ta' min poġġa żewġ murtali fl-istess post, iżda ħadd ma jista' jgħid xejn b'ċertezza. Biss, huwa fatt li kien hemm min qed juża l-piroteknika biex jagħmel il-ħsara lil ħaddieħor. Fil-fatt, il-Markiż Giorgio Crispo Barbaro, fit-22 ta' Mejju tal-1891 irraporta li fil-lejl ta' qabel għall-ħabta tad-8.40pm xi ħadd spara bomba mal-bieb ta' daru fi Triq iż-Żejtun.[11] Ħamest ijiem wara, il-Markiż reġa' mar għand il-pulizija għax ċertu Gio Batta Gatt għaddielu ċilindru tal-landa[12] li aktarx kien intuża biex ġiet sparata l-bomba mal-bieb tiegħu.[13]

Il-piroteknika terġa' tissemma' f'każ ieħor li seħħ fit-18 ta' Diċembru tal-1893. Din id-darba kienu nvoluti Ġużeppi Delfonso ta' Mazzuni u Pawlu Calleja tas-Sagristan għax poġġew in-nar għall-bejgħ fil-ħanut tagħhom mingħajr il-permess tal-pulizija.[14] Minbarra l-permess biex taħdem, taħraq u tbigħ in-nar, ridt ukoll permess biex titrasporta l-materjal li bih jinħadem in-nar. Hawn għal darb'oħra nerġgħu nsibu lil min jikser il-liġi, però din id-darba il-persuni li jissemmew huma minn irħula oħra. L-ewwel wieħed huwa Mikielanġlu Balzan minn Ħaż-Żebbuġ li fil-21 ta' Marzu tal-1898 kien qed iġorr ratal u nofs porvli.[15] Waqt li t-tieni wieħed hu Vincenzo Magri ta' tnax –il sena mill-Imqabba li fis-26 ta' Mejju tal-1899 ukoll inqabad iġorr il-porvli.[16]



Il-Markiż Giorgio Crispo Barbaro

**Il-Kappillan u l-knisja Parrokkjali**

Fil-15 ta' Marzu tal-1889, ġiet irrapurtata l-aħħar serqa li saret mill-knisja parrokkjali tagħna fis-seklu dsatax. Fortunatament, il-pulizija rnexxielha taqbad lill-ħallelin b'hekk għandna każ iddokumentat tajjeb. Fir-rapport insibu li ġew arrestati Salvu Caruana tal-majistral u Salvu Bonnici tal-lakkunetta mill-Isla għaliex serqu xi oġġetti sagri tal-fidda u dinar mill-knisja. Il-valur tal-oġġetti li serqu kien jaqbeż it-tliet liri.[17] L-arrest wassal biex l-oġġetti misruqa ġew mogħtija lura lill-knisja. Dan tikkonfermah nota ffirmata mill-Kappillan Attard li ġġib id-data tat-13 t'April tal-1889. Ftit aktar minn sena wara, il-knisja parrokkjali tissemma' f'rapport li l-effetti ta' dak li hemm iddokumentat fih għadna nistgħu narawhom sal-lum. Kien il-jum tat-3 t'Ottubru tal-1890 meta għall-ħabta tal-4am waqt li Margerita Micallef ta' 70 sena kienet qiegħda l-knisja, faqqgħet sajjeta li laqtet il-koppla u kkawżatilha l-ħsara. Ir-rapport ikompli jgħidilna li s-sajjetta tant kienet qawwija li kkaġġunat ħsarat ukoll fid-dar numru 47 fi Triq Paola. Ma setax jonqos li b'dak li ġara, Margerita ħadet il-qatgħa ta' ħajjitha u jista' jkun ukoll li ntlaqtet minn xi materjal li waqa' mill-koppla, b'hekk kellha tittieħed għand it-tabib distrettwali Dr Montanaro li ħarġilha ċertifikat.[18] Il-kappillan Attard, f'nota li kiteb mar-rendikonti li fihom hemm l-ispejjeż għar-restawr tal-koppla li sar wara dan l-inċident, jispeċifika li s-sajjetta kienet tajret is-salib ta' lanterna u minn toqba li għamlet daħlet fil-knisja. Però, il-kappillan iżid jgħid li *"Ma sicome ogni prontezza e zelo si esseripose in modo da ricordare le ben popolo del Tarxen a pensare seriamente al Sacro Tempio e con meritati lodi."*[19] Għalina li naqraw din is-sentenza llum, narawha bħal sajjetta li għamlet bil-wisq aktar ħsara lill-knisja tagħna minn dik li laqtet il-koppla. Din is-sentenza fir-realtà fissret li wara l-manutenzjoni meħtieġa, ix-xogħol fil-knisja ma waqafx iżda kompla bit-tneħħija tal-iskultura barokka, biex il-knisja ġiet kif narawha llum.[20] Dan ix-xogħol li nbeda fl-1890 dam sejjer madwar għaxar snin, b'hekk nistgħu norbtu miegħu okkorrenza oħra li daħlet fil-11 ta' Marzu tal-1894. Dakinhar, Emanuele Busuttil, Grazio Mizzi

u Carmelo Tabone ġew irrapurtati għax laqtu siġra meta ramew materjal minn fuq il-bejt tal-knisja għal ġot triq.[21] Aktarx li dawn it-tliet irġiel kienu qed jaħdmu fuq il-manutenzjoni tal-koppla u biex



Il-koppla tal-knisja ta' Ħal Tarxien

iħaffu x-xogħol ramew kollox għal isfel.

F'dawk l-għaxar snin li matulhom tneħħiet kwantità kbira ta' skultura, ma setax jonqos li l-knisja kienet mħarbta. B'hekk nafu li f'xi snin ma sarux il-festi. Iżda, meta saru dawn ġew iċċelebrati bil-pompa kollha. Interessanti huwa rapport tat-13 ta' Diċembru tal-1896. Fih insibu li fl-4pm, il-pulizija waqqfu lill-banda tar-raħal, li kienet magħmula minn 20 ruħ, milli ddoqq waqt il-purċissjoni tal-Immakulata Kunċizzjoni. Skont ir-rapport il-banda kienet ordnata mill-Kappillan Attard, iżda dan naqas milli jġib il-permess tal-pulizija kif titlob il-liġi.[22] Bis-saħħa ta' dan ir-rapport insiru nafu li l-purċissjoni tal-Kunċizzjoni kienet ilha snin twal, qabel inqatgħet, issir Ħadd fuq it-8 ta' Diċembru. Barra minn hekk issa għandna xhieda li għal xi żmien din il-festa kienet iċċelebrata esternament ukoll.

Fl-aħħar tas-seklu dsatax, ir-rata tal-imwiet kienet ferm ogħla minn tal-lum b'hekk il-qassisn kienu impenjati ħafna bil-funerali u d-dfin. Dwar dan insibu żewġ okkorrenzi, bl-ewwel waħda ġġib id-data tas-27 ta' Marzu 1885. Dakinhar il-Kappillan Attard xellef difrejh mal-pulizija għaliex difen il-katavru ta' G. Maria Gatt minn Raħal Ġdid, bla ma kellu liċenzja.[23] It-tieni okkorrenza tniżżelt fl-24 t'Ottubru tal-1888, wara li ċertu Ġużeppi Castaldi rrapporta lill-Kappillan għax ma ttrasportax il-katavru ta' neputih Roberto fi żmien 24 siegħa iżda b'vendikazzjoni ħallih id-dar għal 37 siegħa. Għal din l-akkuża ta' Castaldi, il-Kappillan wieġeb li ma kienx hemm qassisin il-knisja, b'hekk ma setax iġorr il-katavru qabel.[24] Minbarra r-responsabbiltà tal-kura tal-erwieħ, il-Kappillan kellu responsabbiltajiet oħra ġejjin mill-fatt li kien meqjus bħala punt ta' referenza mill-parruċċani kollha li kienu jqisuh bħala l-kap tagħhom bla ma jiddistingwu bejn dak li hu ċivili u reliġjuż. Għaldaqstant, kienu jfittxuh f'kull bżonn li jinqalgħalhom. B'hekk, bħal Pilatu fil-kredu ġieli jissemma f'każijiet li xejn ma kellu x'jaqsam magħhom. Ngħidu aħna fl-10 ta' Novembru tal-1894, Cristina Farrugia marret tirraporta lil Salvatore Azzopardi



Il-Vara tal-Kunċizzjoni waqt l-aħħar purċissjoni tagħha

għax kien qed jagħmel atti indiċenti fl-isqaq ta' Sardenja. Iżda, tliet sigħat wara, l-istess Farrugia reġgħet marret l-għassa u fil-preżenza tal-Kappillan stqarret li r-rapport li għamlet qabel kien falz.[25]

## Rapporti oħra

Fortunatament, f'Ħal Tarxien ftit saru reati kbar, però dan ma jfissirx li qatt ma kienet tinqala' xi waħda kbira. Hekk ġara fit-3 ta' Jannar tal-1892. Dakinhar minn dar u ħanut f'numru 7 fi Triq Sant Anna insterqet is-somma ta' madwar £33 f'deheb, fidda u ram – somma kbira ħafna għal dak iż-żmien. Il-vittma kienet Angela Sacco li bdiet tissuspetta li dak li ġara kien kollu xogħol bintha Tereża l-mara ta' Carmelo Micallef. Din Tereża kienet toqgħod f'dar numru 5 u kellha terrazzin komuni mad-dar t'ommha. B'hekk nifhmu li aktarx dawn kienu joqogħdu f'kerrejja. Huwa interessanti, li fil-ktieb tal-okkorrenzi, insibu speċi ta' formola li fiha dan l-istess każ irrapurtat f'aktar dettall. Aktarx li dan huwa r-rapport nkiteb waqt li Angela Sacco bdiet tirrakkonta x'ġara lill-pulizija, għaliex fih hemm bosta kliem ingassat. Fost id-dettalji li nsiru nafu hemm li l-vittma ħalliet id-dar fis-6.30am u kif waslet lura fid-9.15am sabet li l-bieb tal-bitħa, li kienet sakkritu bi stanga, miftuħ min-naħa ta' barra. Kif rat hekk baqgħet sejra ġol-ħanut u sabet li mill-kexxun tal-bank kienu serqulha £2. Dan filwaqt li mil-intrata tad-dar serqulha dinar tad-deheb li kien moħbi f'toqba wara xi armarji. Fost moħbiet oħra ssemmi pakkett bi £11, 4 ċrieket tad-deheb ġol-kxaxen fil-ħanut u £2 ½ fidda moħbija f'postijiet differenti. Dawn tal-aħħar mhux ċar x'insteraq minnhom però huwa ċar li Angela ma xtaqitx li l-pulizija jieħdu passi kontra bintha.[26]

Taħt is-sotto titlu *Casal Tarxen* insibu wkoll okkorrenzi li seħħew f'postijiet li llum jiffurmaw parti minn Raħal Ġdid jew il-Fgura. Minkejja dan, xorta ħsibt li xi okkorrenzi li seħħew fihom niktibhom hawnhekk. Wara kollox meta saru kienu meqjusa li saru f'Ħal Tarxien.

L-ewwel każ joħodna lura għall-21 ta' Novembru 1896. Dakinhar fil-11pm, Ġużeppi Calleja mlaqqam il-paddy ġie rrappurtat li qala' l-inkwiet, weġġa' xi persuni u tkellem ħażin fit-Teatrino De Paula.[27] Il-każ mhux xi wieħed importanti iżda l-post fejn seħħ jagħti lok ta' aktar riċerka fil-futur. Speċjalement, minn dawk li tinteressahom l-istorja ta' Raħal Ġdid. Fl-istess raħal insibu li fil-11 ta' Lulju tal-1899 ġie rrappurtat Anġlu Psaila għax proprju naqas milli jirraporta lill-pulizija li l-parti ta' fuq tal-knisja tiegħu kienet fi stat perikoluż.[28] Il-knisja msemmija hija dik ta' Ġesù Nazzarenu li tinsab fi Triq Ħal Luqa. Din il-knisja ma kinetx ilha wisq li nbient, b'hekk huwa ftit stramb kif diġà kellha partijiet minnha fi stat perikoluż.[29] Rapport relatat ma' knisja oħra f'Raħal Ġdid daħal fl-20 t'Ottubru tal-1900. Din id-draba tissemma' l-knisja ta' Santa Baldiska li waqt li kienu qed jiskavaw il-pedamenti tagħha nstabu xi għadam u reċipjenti taċ-ċaqquf. L-għadam tħalla midfun iżda r-reċipjenti żammhom għandu il-Kjerku Karm Bologna li kien il-prokuratur ta' din il-knisja.[30] Huwa ċar li din is-sejba saret meta kien għadu kif inbeda x-xogħol għat-tkabbir tal-knisja li witta t-triq biex fl-1910 Raħal Ġdid sar Parroċċa. Skont E.B. Vella dan ix-xogħol sar taħt id-direzzjoni tal-imgħallem Mastru Piet Dimech u matulu nstabu wkoll sisien eqdem li fuqhom kellha titkompla l-knisja l-qadima ta' Santa Baldiska.

L-aħħar każ li se nsemmi jitratta serqa li saret mill-Kappella tal-Madonna tal-Karmnu li qabel twaqqgħet fl-1955,[31] kienet tinsab fi Triq Ħaż-Żabbar fejn illum hemm il-Fgura. Eżattament, fid-19 t'April tal-1897 Antonio Grech Scicluna li kien joqgħod f'Nru 51 fi Triq Santa Tereża Bormla, irraporta li persuni mhux magħrufa sgassaw il-bieb tal-Kappella u minn armarju li kien hemm fiha serqu tliet liri f'muniti tar-ramm.[32]



Il-knisja ta' Santa Baldiska fl-1900

## Għeluq

Fit-tieni nofs tas-seklu 19 Malta kienet fuq l-għatba tal-progress li kellu jibdilha mill-qiegħ fis-seklu 20. Raħalna, bil-pass tiegħu ukoll kien qed jinbidel. Fil-fatt fl-aħħar tas-sena 1900 ġew miktuba l-aħħar okkorrenzi ta' Ħal Tarxien fil-kotba tal-ħames distrett. Minn l-għada, l-1 ta' Jannar 1901, Ħal Tarxien ingħaqad f'distrett ma' Raħal Ġdid. Dan huwa xhieda ta' kemm dan ir-raħal ġar tagħna kien qed jikber tant li kien wasal biex jinfatam għalih. Aktar minn hekk, fejn qabel Raħal Ġdid kien meqjus parti minn Ħal Tarxien, issa s-sitwazzjoni ġiet bil-maqlub. Hekk kif Raħal Ġdid beda jieħu s-sura ta' belt li għandu llum waqt li Ħal Tarxien żamm is-sura ta' raħal. Minkejja dan it-tibdil kollu, id-dgħjufijiet tagħna l-bnedmin, hemm kienu, hemm għadhom u hemm se jibqgħu. B'hekk l-okkorrenzi jibqgħu għaddejjin għax dejjem se jibqa' min jagħmel storja tinkiteb!



Il-Kappella l-antika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Fgura

Referenzi:


1 V. Battistino, 'Ħal Tarxien' (1993), Kappillani li mexxew il-Parroċċa 416.
2 NAM, POL 2, 2, 27 ta' Settembru 1884 -13 ta' Frar 1886.
3 Gazzetti oħra li fihom deher rapport dwar il-każ huma: 'L'ordine – 19 ta' Novembru 1884 u 'Malta' – 17 ta' Novembru 1884.
4 Arkivju Parrokkjali Tarxien, Fondazzjoni Mangion, Esiti.
5 Ibid. Dawn ix-xogħlijiet kienu jinkludu: l-ippavimentar ta' sala, it-tibjid tal-kmamar u ż-żebgħa tal-injam kollu.
6 Bejn l-1883 u l-1900 nsibu tnax–il rapport li b'xi mod jirreferu għall-piroteknika.
7 18 ta' Ġunju 1890, 9 t'Awwissu 1892 u 30 ta' Settembru 1893 – Dati tar-rapporti li fihom jissemma Michele Farrugia għaliex ħaraq in-nar bla liċenzja tal-pulizija.
8 NAM, POL 2, 1 ta' Frar 1886 – 8 t'April 1887.
9 Min kiteb ir-rapport ma semmiex direttament il-kelma "murtal" iżda kiteb "ha sparato un pot di latta". Dan b'referenza għall-kanna jew kontenitur tal-landa li fih jitpoġġa l-murtal biex jiġi sparat.
10 NAM, POL 2, 7 t'Ottubru 1890 – 17 t'Awwissu 1891.
11 Ibid.
12 Ir-rapport jgħid li s-Sur G.C. Barbaro għadha lill-pulizija "un pot di latta staccato di calcina".
13 NAM, POL 2, 7 t'Ottubru 1890 – 17 t'Awwissu 1891.
14 NAM, POL 2, 31 t'Awwissu 1891 – 23 ta' Frar 1893.